MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Rikors Numru. 1221/2010

**Lonavi Properties Limited, kumpannija registrata f`Cipru permezz tan-numru tar-registrazzjoni 184713, rapprezentata mill-Avukat Dr. Adrian Delia LL.D., bhala l-mandatarju lokali tal-istess socjeta`**

***kontra***

**Balkan Power Invest Holding Limited (C40732) 189/1, The Strand, Gzira GZR 1024**

***u***

**b`digriet tat-13 ta` Jannar 2011 inhatru Dr. Henry Antoncich u l-P.L. Katrina Zammit Cumbo bhala Kuraturi Deputati ghall-kumpannija**

**intimata Balkan Power Invest Holding Limited (C40732)**

***u***

**b`digriet tat-3 ta` Frar 2011 il-kumpannija Cementir Holdings Limited (C188019) intervjeniet fil-kawza *in statu et terminis***

***u***

**b`digriet tal-11 ta` April 2011 l-Av. Dr. Paul Micallef Grimaud assuma l-atti tal-kawza f`isem is-socjeta` intimata**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors promotorju, li kien prezentat fil-25 ta` Novembru 2010, fejn il-kumpannija rikorrenti ("Lonavi"), ghar-ragunijiet li ndikat, talbet lil din il-Qorti sabiex a tenur tal-Art.402 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta –

*(a) Tirregola t-tmexxija tal-kumpannija intimata ("*Balkan*") ai termini tal-Art.402(3)(a) tal-Kap.386 billi tahtar minnufih amministratur/direttur u taghtih dawk il-poteri kollha necessarji sabiex ikun jista` jiehu azzjoni immedjata u proattiva sabiex jizgura li l-interessi tal-kumpannija intimata, anke bhala azzjonista unika fil-Bulgarian Power EOOD, Terra Bulgaria u Terra Bulgaria 2 jigu salvagwardjati u mharsa ;*

*(b) Tirregola t-tmexxija tal-kumpannija ai termini tal-Art.402(3)(a) tal-Kap.386 fis-sens li tiddikjara u*

*tiddeciedi illi Bjorn Ahlman qatt ma seta` jirrapprezenta lill-kumpannija intimata u in ogni kaz tirrevoka kwalsiasi decizjoni li Bjorn Ahlman seta` ha ghan-nom tal-kumpannija intimata, anke bhala azzjonista unika fi hdan kumpanniji ohra, li jinkludu Bulgarian Power EOOD u Terra Bulgaria 1 ;*

*(c) Tordna ai termini tal-Art.402(3)(e) tal-Kap.386 lill-kumpannija intimata sabiex tibda procedimenti gudizzjarji kontra Bjorn Ahlman proprio et nomine ghad-danni subiti minnha minhabba l-agir tal-istess Ahlman kif fuq deskritt u kif ukoll sabiex l-istess Bjorn Ahlman jidher fi kwalunkwe att rexissorju necessarju, u f`dan is-sens tawtorizza lill-esponenti sabiex iwettqu dawk il-proceduri gudizzjarji necessarji f`isem u ghan-nom tal-kumpannija intimata.*

Rat id-digriet taghha tat-2 ta` Dicembru 2010 fejn ordnat in-notifika ta` Balkan bi zmien ghoxrin (20) jum ghar-risposta.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta` Jannar 2011 fejn, b`applikazzjoni tal-Art.929(d) tal-Kap.12, u accertati l-fatti tal-kaz, hija hatret Kuraturi Deputati sabiex jidhru u jiddefendu quddiemha lil Balkan fil-procedura tentata minn Lonavi u pprovdiet li t-termini tad-digriet taghha tat-2 ta` Dicembru 2010 ghandhom ikunu effettivi fil-konfront tal-Kuraturi Deputati mid-data tan-notifika taghhom tad-digriet taghha tat-13 ta` Jannar 2011 u bl-atti promotorji.

Rat ir-risposta prezentata fl-1 ta` Frar 2011 mill-Avukat Dottor Henry Antoncich u tal-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cumbo li, b`effett tad-digriet taghha tat-13 ta` Jannar 2011 (fuq riferit), kienu mahtura bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lil Balkan.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-3 ta` Frar 2011 fejn laqghet it-talba tal-kumpannija Cementir Holdings Limited ("Cementir") sabiex tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis.*

Rat ir-risposta ta` Cementir li kienet prezentata fit-23 ta` Frar 2011.

Rat ir-rikors ta` Lonavi prezentat fil-11 ta` Frar 2011 fejn *inter alia* hija talbet *sabiex anke nel frattemp* din il-Qorti *tiehu dawk il-mizuri kollha interim sabiex, sakemm jinhatar direttur* sabiex jirrapprezenta lil Balkan u jiehu dawk il-mizuri konservattivi sabiex jigu mharsa d-drittijiet taghha bhala azzjonista ta` Balkan *u taghti ordni sabiex il-kumpannija intimata tigi projbita milli tiddisponi, iccedi, tittrasferixxi, taljena, tipoteka u/jew tghabbi b`pizijiet, bi kwalsiasi mod, l-assi u n-negozju kemm taghha, kif ukoll tas-socjetajiet sussidjarji u kif ukoll sabiex tigi projbita milli tokkulta l-kotba tan-negozju taghha u kif ukoll tas-socjetajiet sussidjarji.*

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-21 ta` Marzu 2011 fejn riferibbilment ghal din it-talba hija pprovdiet li tiddisponi minnha wara li tisma` s-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-udjenza ta` wara.

Rat li fl-istess udjenza tal-21 ta` Marzu 2011, id-difensur ta` Cementir informa l-Qorti li b`effett mill-14 ta` Marzu 2011 Balkan kellha direttur appuntat bl-isem ta` Goran Rise (Dok ISB1). Ghal din l-informazzjoni, id-difensur ta` Lonavi wiegeb li Dok ISB1 kien biss notifikazzjoni lir-Registratur tal-Kumpanniji mhux id-dokument li juri li fil-fatt dak id-direttur kien elett. Inoltre in vista tal-Art.129(3) u l-Art.130 tal-Kap.386, hemm il-possibilita` li l-hatra tad-direttur saret illegalment.

Rat ir-rikors tat-28 ta` Marzu 2011 fejn, ghar-ragunijiet hemm spjegati, wara li saret riferenza ghall-istatut ta` Balkan, u wara li saret riferenza ghall-Art.129(3), Art.130 u Art.33 tal-Ewwel Skeda tal-Kap.386, Lonavi talbet lil din il-Qorti sabiex –

*fdati lilha l-poteri taht l-Artikolu 402 u senjatament s-subartikolu 3(a) (b) (c) (e) (f) tiddeciedi u mistqarra u mizghuna c-cirkostanzi partikolari tal-kaz u l-konsegwenzi difficilment rimedjabbli jekk dan ma jsehhx f`dan l-istadju, tordna bhala mizura interim illi* ***b`effett immedjat*** (enfasi u sottolinear ta` Lonavi) *previa dikjarazzjoni illi Goran Rise qatt ma nhatar b`mod regolari bhala direttur tal-kumpannija BPIHL, tahtar direttur iehor sabiex jittutela l-interessi tal-istess socjeta` BPIHL u lill-azzjonisti taghha skond l-istatut tal-kumpannija u s-shareholders agreement imma f`kull kaz sabiex jikkonserva, jipprotegi u jhares l-assi tas-socjeta` kemm f`Malta kif ukoll barra minn Malta tramite l-azzjonizmu li l-istess socjeta` ghandha f`diversi kumpanniji sussidjarji, u dfawn taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi odjerni.*

Rat id-digriet taghha tad-29 ta` Marzu 2011 li segwa l-presentata ta` dan ir-rikors.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` April 2011 fejn l-Av. Dr. Paul Micallef Grimaud assuma l-atti ghas-socjeta` intimata Balkan minflok il-Kuraturi Deputati.

Rat ir-risposta ta` Cementir presentata fit-8 ta` April 2011 u r-risposta ta` Balkan presentata fid-19 ta` April 2011 ghar-rikors ta` Lonavi tat-28 ta` Marzu 2011.

Semghet fl-udjenza tad-19 ta` April 2011 it-trattazzjoni bil-fomm tad-difensuri dwar il-mertu tar-rikors ta` Lonavi tat-28 ta` Marzu 2011.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza fejn halliet il-kawza ghal-lum sabiex taghti provvediment dwar ir-rikors tal-kumpannija rikorrenti tat-28 ta` Marzu 2011.

**Ikkunsidrat :**

Fir-rikors promotorju tal-azzjoni mertu ta` din il-kawza, il-kumpannija rikorrenti qeghda titlob minn din il-Qorti provvedimenti dwar l-istanzi taghha abbazi tal-**Art.402 tal-Kap.386**. Sal-lum, il-gbir tal-provi dwar il-mertu tal-kawza ghadu mhux konkluz tant li Lonavi ghadha qeghda tressaq il-provi taghha, u ghalhekk din il-Qorti, sabiex tipprovdi finalment dwar it-talbiet ta` Lonavi kif dedotti fir-rikors promotorju, ghad trid tisma` kif l-kumpannija intimata u dik intervenuta fil-kawza se jwiegbu bil-provi taghhom, jekk ikun il-kaz, ghall-pretensjonijiet ta` Lonavi.

Issa **specifikament** ghall-fini tal-provvediment tal-lum, Lonavi invokat l-applikazzjoni tal-Art.402 tal-Kap.386. Pero` din il-Qorti trid taghmilha cara li ghalkemm fil-provvediment taghha tal-lum hija sejra wkoll tirreferi ghall-imsemmi artikolu, fl-istess waqt qeghda tghid ukoll li dak li sejra tipprovdi jolqot **biss u unikament** dak li qieghed jintalab minn Lonavi fir-rikors taghha tat-28 ta` Marzu 2011 **u mhux** il-mertu ghax dak ghad irid jigi deciz `il quddiem wara li tisma` l-provi kollha.

Dan premess, din il-Qorti tghid li **in sintesi** fir-rikors taghha tat-28 ta` Marzu 2011 Lonavi qeghda titlobha sabiex –

(1) Tiddikjara li l-hatra ta` Goran Rise bhala direttur ta` Balkan ma kenitx regolari ;
(2) Taghti mizuri *interim* ;

(3) Li dawn il-mizuri *interim* ikunu li tahtar direttur iehor hi sabiex jittutela l-interessi ta` Balkan u tal-azzjonisti taghha, u sabiex jikkonserva, jipprotegi u jhares l-assi tas-socjeta` kemm f`Malta kif ukoll barra minn Malta tramite l-azzjonizmu li l-istess socjeta` ghandha f`diversi kumpanniji sussidjarji ;
(4) Taghti kull provvediment iehor li jkun xieraq u opportun.

**<u>In linea generali</u>**, l-azzjoni skond l-Art.402 tal-Kap.386 issir minn azzjonista kontra azzjonista iehor dwar allegati atti jew omissjonijiet tal-kumpannija li jkunu jew x'aktarx ser ikunu oppressivi b'mod mhux gust, diskriminatorju kontra jew b'mod mhux gust jew ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'xi mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.

Wara li qieset il-parti tat-talba ta` Lonavi mmarkata (1), din il-Qorti tghid li anke jekk il-provvediment tal-lum ma jirrisolvix il-mertu, l-istanza fil-mertu tar-rikorrenti **<u>tibqa` fondata</u>** fuq l-Art.402 tal-Kap.386. Ghalhekk *anke* ghall-fini tal-provvediment tal-lum, din il-Qorti ma tistax tiddistakka ruhha minn dak li jiddisponi l-Art.402 tal-Kap.386, liema disposizzjoni ma tippermettix li din il-Qorti tippronunzja ruhha (kif qeghda tippretendi Lonavi li ghandha taghmel) u cioe` li tiddikjara li l-hatra ta` Goran Rise bhala direttur ta` Balkan ma kenitx regolari. Talba ta` dik ix-xorta ma tinkwadrax ruhha fl-ambitu tal-Art.402 tal-Kap.386 u ghalhekk jekk Lonavi trid pronunzjament gudizzjarju dwar il-validita` o meno tal-hatra ta` Goran Rise bhala direttur trid tipprocedi *per via di azione* mhux tistenna li din il-Qorti tiddikjara ruhha fl-ambitu ta` procediment skond l-Art.402 tal-Kap.386. Din il-Qorti tillimita ruhha sabiex tirrileva li kemm il-hatra kif ukoll it-tnehhija ta' direttur huma previsti kemm il-ligi kif ukoll mill-istatut socjetarju. Ghalhekk kwalsiasi ksur tal-ligi jew tal-istatut socjetarju ghandu jigi indirizzat fil-binarji propriji tieghu. Fl-istess waqt jibqa` dejjem id-dritt tal-azzjonista minoritarju li jikkontrolla l-operat ta' azzjonista' maggoritarju. Il-hatra kif *del resto* t-tnehhija ta' direttur

ma tistax tigi meqjusa *ut sic* bhala att li jippregudika l-interess tal-azzjonista minoritarju billi d-drittijiet tieghu jibqghu impregudikati.

Bl-Art.402 tal-Kap.386, l-azzjonisti ta` kumpannija jitlobu harsien tad-drittijiet taghhom fejn huma ma jistax ikollhom kontroll ghax ikunu fil-minoranza u minhabba f'hekk ikunu soggetti ghar-rieda ta' dawk l-azzjonisti li jkunu fil-pussess tal-maggoranza tal-ishma. Din il-protezzjoni tapplika ghall- azzjonista kemm jekk ikun rapprezentat permezz ta' direttur u kemm jekk le. In-nuqqas ta' rappresentanza fit-tmexxija ta' kumpannija mhux *per se* att ta` opprimenti, ingust jew diskriminatorju. Li wiehed ikollu ishma f'kumpannija ma jaghtix dritt assolut lil azzjonista li jkollu rappresentanza fit-tmexxija ta` kumpannija. Il-protezzjoni gudizzjarja ta' l-azzjonista minoritarju hija fis-sens li min jikkontrolla l-ishma maggoritarji ma jikkommetti atti li jopprimu b`mod ingust u diskriminatorju lil min jippossjedi l-minoranza tal-ishma.

Dwar l-Art.402 tal-Kap.386, din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza taghha tat-13 ta` Mejju 1999 fil-kawza "**<u>Monreal et vs Delia noe</u>**" qalet hekk -

*Dawn il-provvedimenti huma ta' salvagwardja u ta' protezzjoni ghall-azzjonisti ta' socjeta` kummercjali, b'mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonista ta' socjeta` kummercjali. Kull azzjonista, anke jekk hu minoritarju, ta' socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista' jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f'kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista' jsofri xi pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpannija. Il-pregudizzju jista' jirreferi ghall-*

*azzjonista li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti …*

Bl-applikazzjoni ta` dan l-insenjament, u ta` ohrajn simili, ghal dik il-parti tat-talba ta` Lonavi mmarkati minn din il-Qorti (2) u (3), jista` jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista' jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista' ssir fuq bazi ragjonevoli ta' probabilita`.
l

Fl-assenza ta` prova kuntrarja, din il-Qorti sejra tqis legittima, **specifikament ghall-fini tal-provvediment tal-lum**, il-hatra ta` Goran Rise bhala direttur ta` Balkan.

Fl-istess waqt, din il-Qorti jidhrilha li ghandha tirrileva li skond dak li hemm provdut fis-sub-artikolu (3) tal-Art.402, il-Qorti ghandha s-setgha li tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna, jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li taghmel hekk.

Fil-Ligi Ingliza (Art 459 tal-Companies Act 1985) jinstab rimedju simili maghruf bhala "The Unfair Prejudice Remedy". Il-Qorti ta' l-Appell Ingliza stabbiliet fil-kawza "**Saul D. Harrison & Sons plc**" ([1995]) 1BCLC il-linji ta' gwida dwar kif kellu jkun operat biex ikun jista' jitqies bhala, "*unfairly prejudicial*" (fit-test Malti tal-ligi taghna, din il-frazi hi tradotta "*b'mod mhux gust ta' pregudizzju*"). Fl-ewwel lok, wiehed irid jara jekk dak l-operat kienx jew le skond l-istatut tal-kumpannija. Izda fl-applikazzjoni ta` din id-dispozizzjoni – ispirata fuq principji ta' ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament

legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettativi legittimi (“*legitimate expectations*”) li r-rikorrent jista’ jkollu.

Din il-Qorti ssostni li l-Art.402 huwa ispirat mhux minn koncetti legalistici izda minn principji ta’ ekwita` u gustizzja li jirrikonoxxu interessi u aspettativi li jmorru oltre l-elma tal-istatut tas-socjeta` jew addirettura tal-ligi stess. Il-Qorti ghandha poteri diskrezzjonali vasti hafna fejn si tratta ta` rimedji li tista’ tipprovdi meta tara li ghandha taghti harsien lill-azzjonista kontra pregudizzju mhux gust.

**<u>Specifikament</u>** dwar mizuri *interim* din il-Qorti, kif presjeduta, kellha okkazjoni wahda qabel dik tal-lum li tippronunzja ruhha dwarhom u dan ghamiltu fil-provvediment illi tat fis-16 ta` Dicembru 2010 fil-kawza “**<u>Apap Bologna vs Bianchi et</u>”.**

Anke dik hija kawza (propju ghaliex ghadha *sub judice*) fejn azzjonista minoritarja qeghda tinvoka favur taghha l-harsien tal-Art.402 tal-Kap.386. *Inter alia,* hemm ir-rikorrenti talbet il-hatra ta` amministratur provvizorju sabiex jiehu f`idejh l-avvjament u tmexxija ta` l-kumpanniji fejn hija azzjonista minoritarja, sakemm tigi deciza l-kawza. Talbet hekk ghaliex fil-kawza hija talbet ukoll ix-xoljiment u stralc ta` dawk il-kumpanniji.

Kontra dik it-talba, kienet sollevata oggezzjoni mill-intimati fis-sens li fl-ambitu ta` procediment skond l-Art.402 ma setghetx issir hatra ta` amministratur provvizorju ghaliex hatra bhal dik setghet issir biss fil-procedura *ad hoc* ta` xoljiment u stralc ta` kumpannija skond l-Art.214 et seq tal-Kap.386.

Indipendentement mill-mod kif din il-Qorti ppronunzjat ruhha dwar il-kwistjoni **<u>specifika</u>** li kellha quddiemha, propju ghaliex dak il-provvediment *ut sic*

mhux rilevanti ghall-kwistjoni tal-lum, din il-Qorti ghamlet din l-osservazzjoni -

*Fil-Kapitolu 16 (minn pag.959 sa 1029) tal-ktieb **"Principles of Maltese Company Law"** (Malta University Press – 2007) il-**Prof Andrew Muscat** jittratta s-suggett ta` Statutory Shareholder Remedies : Unfair Prejudice and Winding Up. Minn pag.997, jittratta Remedies available under article 402. In partikolari, iqis dawk maghrufa bhala interim orders u jghid hekk –*

***Before examining the different types of order that can be made by the court, a preliminary question should be considered : whether a court may issue an interim order pending final judgement. The position in English law is that English courts do, where appropriate, have the power to issue interim orders – usually orders for payment on account or orders designed to preserve the status quo. The Maltese Companies Act is silent on the question of whether a court, seized of an issue under article 402, is entitled to issue an interim order. Nor does any jurisdiction result from any general provision in the Code of Organisation and Civil Procedure. It is significant that where the legislator wished to grant to a court the power to make interim orders, the legislator did so by express provision, as with the power of the court to issue a "provisional order" under article 37(5) of the Merchant Shipping Act (prohibiting dealings in a ship until the court definitely decides on the merits) and the power of the court to initially issue a warrant of prohibitory injunction for an "interim period" under article 873(7) of the Code of Organisation and Civil Procedure. In practice, situations may sometimes arise where the issue of an interim order would be necessary to protect the interests of the complainant or of the***
***company. The introduction of an amendment to article 402 would allow the court to issue interim orders would be another helpful tool in the court`s arsenal against oppressive, unfairly prejudicial or unfairly discriminatory conduct ...***

F`**dak** din il-Qorti applikat dik id-dottrina.

**Ghall-kaz tal-lum,** din il-Qorti tghid li ma jidhrilhiex li ghadha tadotta posizzjoni rigida u nflessibbli fl-ghoti ta` *interim measures* ghaliex ***the Maltese Companies Act is silent on the question of whether a court, seized of an issue under article 402, is entitled to issue an interim order*** (kif sostna Prof Muscat).

Jidher li l-Qrati nghataw diskrezzjoni pjuttost wiesgha, kemm biex jiddeciedu jekk kienx hemm agir "mhux gust ta' pregudizzju", u kemm fir-rimedji li jistghu jaghtu. Ghalkemm l-Art.402 isib l-ghajn ta` riferenza tieghu fl-Art.459 tal-Companies Act Ingliza (op. cit.), fejn jidher li dak l-artikolu kien intiz li jipprovdi rimedju definittiv fl-istess waqt irid jinghad li ma jistax jigi eskluz li tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta` kull kaz u sitwazzjoni il-Qrati jistghu u ghandhom jaghtu rimedji temporanji, jekk hekk ikun mitlub jew jekk hekk ikun jidher opportun.

Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-*minority shareholders* dejjem kienet fonti ta` thassib ghall-Qrati, u ghalkemm il-gurisprudenza lokali u dik Ingliza kienet toffri il-protezzjoni taghha, ir-rimedji dejjem kienu limitati u soggetti ghal diversi restrizzjonijiet (ara - is-sentenza ta' l-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Bonnici Cachia vs Agius et**", deciza fis-6 ta' Novembru, 1991, u "**Falla vs Sorotos**" deciza ukoll mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 1976).

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza "**Vella et vs Vella Brothers Limited et**" meta kkonfermat id-decizjoni fl-Ewwel Istanza -

*Il-hsieb wara dan l-artikolu* (u cioe` l-Art.402) *huwa li jiftah l-iskop ta' intervent da parti mill-Qorti, u din il-Qorti*

*tkun qed taghmel "disservice" lill-azzjonisti minoritarji jekk tkun hi li terga taghlaq parzjalment il-bieb li fetah il-legislatur bl-Artikolu 402. Bis-sahha ta' dak l-artikolu, il-Qorti tista' taghti dak ir-rimedju li jidhrilha li jkun opportun, inkluz allura, rimedji u ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-istatus quo sakemm tigi mistharga kwistjoni jew sakemm tigi rizolta sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpannija.*
*Ovvjament, dan ma jfissirx li r-rimedju mitlub se jinghata, ghax il-Qorti ghad trid tisma' l-provi u t-trattazzjoni dwar il-kwistjoni li nqatghet, imma l-Qorti hi tal-fehma li rimedju jista' jinghata …*

Din il-Qorti sejra taghmel taghha dan l-insenjament, ghax hija tal-fehma li japplika ghall-kaz tal-lum, u tghid li ghandha kull jedd a tenur tal-Art.402 li taghti *interim measures* u cioe` ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-*istatus quo* sakemm tigi mistharga kwistjoni bejn l-azzjonisti jew sakemm tigi rizolta sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpannija.

Akkolta l-parti numerata (2) tat-talba tar-rikorrenti, din il-Qorti sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-parti numerata (3) u (4).

F`dak ir-rigward, u **specifikament** fil-kuntest tan-numru (3), din il-Qorti mhijiex sejra tahtar direttur iehor, divers minn Goran Rise, anke ghar-ragunijiet diga` moghtija. Fl-istess waqt, qeghda tipprovdi li, sakemm din il-Qorti tipprovdi finalment dwar il-mertu, id-direttur attwali Goran Rise ghandu juza l-kura u d-diligenza kollha mistennija minnu bhala direttur ta` Balkan li jikkonserva, jipprotegi u jhares l-assi kollha ta` Balkan - u cioe` kemm dawk sitwati f`Malta kemm dawk sitwati barra minn Malta.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba ta` Lonavi Properties Limited kif dedotta fir-rikors taghha tat-28 ta` Marzu**

**2011 billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta` dik il-parti tat-talba fejn intalbet sabiex tiddikjara illi Goran Rise qatt ma nhatar b`mod regolari bhala direttur tal-kumpannija Balkan Power Invest Holding Limited, qeghda tilqa` dik il-parti tat-talba fejn kien rikjest minnha li taghti mizura *interim* u konsegwentement qeghda tordna lid-direttur attwali Goran Rise sabiex b`effett immedjat jittutela adegwatament l-interessi ta` Balkan Power Invest Holding Limited u tal-azzjonisti taghha, skond l-istatut tal-kumpannija u s-*shareholders agreement* ; in partikolari ghandu b`kura u diligenza jikkonserva, jipprotegi u jhares l-assi tas-socjeta` kemm f`Malta kif ukoll barra minn Malta.**

**L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------